



Dokument ta' sessjoni

B9-0276/2023 }  
B9-0282/2023 }  
B9-0286/2023 }  
B9-0287/2023 }  
B9-0289/2023 } RC1

14.6.2023

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B9-0276/2023 (Verts/ALE)

B9-0282/2023 (S&D)

B9-0286/2023 (Renew)

B9-0287/2023 (ECR)

B9-0289/2023 (PPE)

dwar id-deterjorament tal-libertajiet fundamentali f'Hong Kong, b'mod partikolari l-każ ta' Jimmy Lai (2023/2737(RSP))

**Željana Zovko, Miriam Lexmann, Michaela Šojdrová, David Lega, Antonio López-Istúriz White, Isabel Wiseler-Lima, Vladimír Bilčík, Vangelis Meimarakis, Radosław Sikorski, Tomáš Zdechovský, José Manuel Fernandes, Jiří Pospíšil, Inese Vaidere**

f'isem il-Grupp PPE

**Pedro Marques, Isabel Santos, René Repasi, Evin Incir**

f'isem il-Grupp S&D

RC\1280974MT.docx

PE748.724v01-00 }  
PE748.730v01-00 }  
PE748.734v01-00 }  
PE748.735v01-00 }  
PE748.737v01-00 } RC1

**Georgios Kyrtos, Petras Auštrevičius, Nicola Beer, Izaskun Bilbao Barandica, Dita Charanzová, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Karin Karlsbro, Moritz Körner, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Karen Melchior, Javier Nart, Urmas Paet, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Šimečka, Ramona Strugariu, Dragoș Tudorache, Hilde Vautmans, Marie-Pierre Vedrenne**

f' isem il-Grupp Renew

**Reinhard Bütikofer, Jordi Solé**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Anna Fotyga, Angel Dzhambazki, Assita Kanko, Hermann Tertsch, Elżbieta Kruk, Witold Jan Waszczykowski, Adam Bielan, Waldemar Tomaszewski, Carlo Fidanza, Joachim Stanisław Brudziński**

f' isem il-Grupp ECR

**Fabio Massimo Castaldo**

**Motion for a European Parliament resolution on the deterioration of fundamental freedoms in Hong Kong, notably the case of Jimmy Lai (2023/2737(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar Hong Kong u dwar iċ-Ċina,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi mindu r-reġim Ċiniż impona l-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali (LSN) fit-30 ta' Ġunju 2020, il-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura f'Hong Kong iddeterjoraw b'mod allarmanti; billi r-RPĊ kisret bis-sħiħ il-prinċipju ta' "pajjiż wieħed, żewġ sistemi", id-Dikjarazzjoni Konġunta Sino-Brittanika u dik Sino-Portugiża u l-ICCPR;
- B. billi Jimmy Lai ilu detenut minn Frar 2021 fuq akkużi foloz, akkużat taħt il-LSN b'kollużjoni ma' forzi barranin u bi frodi; billi l-proċess tiegħu jibda f'Settembru 2023 u qed jiffaċċja piena possibbli ta' għomor il-ħabs; billi l-avukat Brittaniku tiegħu ġie rrifjutat il-permess li jirrappreżentah fil-proċess; billi diversi mezzi tal-media indipendenti, bħal Apple Daily u Stand News, ġew imġiegħla jwaqqfu l-ħidma tagħhom;
- C. billi l-primunieri politiċi ġeneralment jinżammu l-ħabs għal perjodu twil ta' arrest preventiv qabel is-smiġħ tal-kawża f'kundizzjonijiet diffiċli ħafna, filwaqt li ħafna minnhom ikollhom kundizzjonijiet serji tas-saħħa; billi dan kien il-każ għal rappreżentanti prominenti tal-kamp favur id-demokrazija bħal Jimmy Lai, Albert Ho, Benny Tai, Chow Hang-Tung, Lee Cheuk-yan, Joshua Wong u Cyd Ho;
1. Ihegġegħ lill-Gvern ta' Hong Kong jeħles minnufih u mingħajr kundizzjonijiet u jwaqqa' l-akkużi kollha kontra Jimmy Lai u r-rappreżentanti u l-attivisti l-oħra kollha favur id-demokrazija li eżerċitaw il-libertà tal-espressjoni u d-drittijiet bażiċi u d-drittijiet tal-bniedem tagħhom;
  2. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu għas-Sa Chow Hang-tung, li tqiegħdet f'reklużjoni matul l-istrasjk tal-ġuħ tagħha ta' 34 siegħa, u għas-Sur Albert Ho, li l-pleġġ tiegħu ġie revokat għal raġunijiet legali arbitrarji u li għandu kanċer;
  3. Itenni l-appelli tiegħu lill-Kunsill biex jintroduċi sanzjonijiet immirati taħt ir-reġim globali ta' sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem kontra John Lee u l-uffiċjali l-oħra kollha ta' Hong Kong u tar-RPĊ responsabbli għar-repressjoni kontinwa tad-drittijiet tal-bniedem f'Hong Kong;
  4. Jesprimi tħassib dwar l-applikazzjoni ekstras-territorjali tal-LSN; jistieden lill-awtoritajiet jieqfu jfixklu l-ħidma tal-ġurnalisti kollha; jistieden lill-awtoritajiet jirrevokaw l-LSN;
  5. Jistieden lis-SEAE jappoġġja b'mod adegwat lill-Uffiċċju tal-UE f'Hong Kong biex

jintensifika l-osservazzjoni tal-proċessi, b'koordinazzjoni mar-rappreżentanzi tal-Istati Membri tal-UE u ta' pajjiżi tal-istess fehma, jimmonitorja d-drittijiet tal-bniedem billi joħroġ dikjarazzjonijiet pubbliċi, u jistabilixxi punt fokali dwar id-drittijiet tal-bniedem għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u jqajjem il-każijiet tagħhom mal-awtoritajiet fil-livelli kollha; jistieden lis-SEAE u lill-Uffiċċju tal-UE jirrapportaw dwar l-aktar proċessi prominenti; jistieden lill-Uffiċċju tal-UE jitlob żjara fil-ħabs;

6. Jikkundanna t-tentattivi tal-awtoritajiet Ċiniżi li jieħdu fil-mira lill-komunitajiet tad-dijaspora ta' Hong Kong fi ħdan l-UE; itenni l-appell tiegħu lill-Istati Membri kollha tal-UE biex jissospendu t-trattati ta' estradizzjoni mar-RPĊ u Hong Kong;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Gvern u lill-Parlament tar-RPĊ, u lill-Kap Eżekuttiv u lill-Kunsill Leġislattiv tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong.